TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 501/10

**Elisa McKenna**
**vs**
**Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.**

Illum 27 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tliet mija u ħamsa u erbgħin ewro (€345), rappreżentanti spejjeż li nefqet fuq il-libsa.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettiet bil-miktub illi hija ħadet libsa tal-materjal *raw silk* għad-dry cleaning u wara li ħaditha għad-dry cleaning, indunat illi l-l-libsa kienet xrinkjat u bidlet it-tentuxa tagħha, bil-konsegwenza li r-rikorrenti ssopponiet illi l-libsa nħaslet bil-magna.

Is-soċjeta' intimata issottomettiet illi l-libsa ma kienx hemm label fuqha u li nħaslet skond is-sengħa u l-arti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li spezzjona l-libsa, t-Tribunal induna li kellha diversi nuqqasijiet.

Wara li sema' lill-partijiet u spezzjona l-libsa, t-Tribunal jinnota li r-rikorrenti għandha raġun stante li jinnota li l-libsa kienet bidlet it-tentuxa tagħha u li dehret li kienet xrinkjat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' mitejn u disgħin ewro (€290), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888